MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Talba Numru. 791/2001/1

**Hornblower Limited**

**Vs**

**Diamond Promotions**
**Company Limited**

## It-Tribunal

Ra li fl-Avviz taghha s-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin) rapprezentanti spejjez ta' reklam li kellu jidher f'Tourist Map liema servizz ma giex provdut.

Ra li fl-Avviz tat-talba s-socjeta' attrici talbet Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin) izda fil-parti tal-Avviz intitolat "Dettalji dwar it-Talba" is-socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jillikwida d-danni kkagunati b'rizultat tan-nuqqas tas-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet li s-servizz ma inghatax minhabba fatturi li fuqhom is-socjeta' konvenuta ma kellha ebda kontrol.
Is-socjeta' konvenuta qalet ukoll li kienet irceviet Lm70.00c (sebghin lira Maltin) u mhux Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin)

Sema' x-xhieda

Ikkunsidra

Illi Joseph Grech ghas-socjeta' attrici qal li s-socjeta' attrici hallset Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin) in konnessjoni ma' riklam fuq mappa li kienet se tigi prodotta mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta baghtet il-provi sabiex b'nota li jekk is-socjeta' attrici ma taqbilx mal-prova setghet tirrispondi fi zmien ghaxar (10) tijiem. Is-socjeta' attrici approvat u ma taghat ebda risposta. Wara xi zmien is-socjeta' attrici giet informata li l-mappa ma kienitx se issir. Imbaghad Joseph Grech  kellem lil certu Mr Formosa li qallu li kien se jaghtih il-flus lura. Is-socjeta' konvenuta naqset li tirrifondi l-flus.

Joe Formosa ghas-socjeta' konvenuta qal li s-socjeta' attrici hallset Lm70.00c (sebghin lira Maltin) u mhux Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin) u hu kien lest li jhallas lura dan l-ammont ta' Lm70.00c (sebghin lira Maltin)

Ra l-affidavit ta' Joseph Gerada. Ra li s-socjeta' attrici naqset li ggib lil Joseph Gerada sabiex jixhed in kontro-ezami.

Ra li gie esebit dokumenti mis-socjeta' konvenuta (Dok JF).  Dan id-dokument gie ffirmat minn Kevin Grech ghas-socjeta' attrici. Skond dan id-dokument id-deposit kien ta' Lm70.00c (sebghin lira Maltin).

Ikkunsidra li skond id-dokument esebit (Dok JF) l-ammont imhallas kien Lm70.00c (sebghin lira Maltin). Is-socjeta' atttrici naqset li tipproduci lil Kevin Grech bhala xhud.

Ghalhekk mill-provi jirrizulta li l-ammont mhallas mis-socjeta’ attrici kien Lm70.00c (sebghin lira Maltin) bhala deposit. Is-socjeta’ konvenuta ma kienitx taghat is-servizz miftiehem u ghalhekk ghandha l-obbligu li tirrifondi l-ammont mhallas lilha.

Illi s-socjeta’ attrici naqset li tipprova li halset Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin) u naqset li tipprova li sofriet xi danni.

Ghaldaqsant it-tribunal jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm70.00c (sebghin lira Maltin). Billi t-talba fil-kawza kienet ghal Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin), kull parti ghandu jhallas l-ispejjez tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------